MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 3/2012

**A B**

**Vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

1. Illi l-partijiet zzewgu nhar is-sittax (16) ta’ Lulju, tas-sena elf disgha mija u tlieta u disghin (1993) fil-Knisja ta’ San Alwigi

f'Birkirkara u kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A;
2. Illi l-partijiet huma legalment separati, u dan skont kuntratt datat l-ghoxrin (20) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono;
3. Illi kunsens tal-partijiet ossija ta' wahda mill-partijiet inkisbet bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza (Artikolu 19 (1) (a) tal-Kap. 255 tal-Ligjiet ta' Malta);
4. Illi kunsens tal-partijiet ossija ta' wahda mill-partijiet kien vizjat b'difett serju ta' disrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirjiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg (Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta);
5. Illi l-kunsens tal-partijiet, ossija ta' wahda mill-partijiet inkiseb bl-eskuzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg (Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta);
6. Illi l-esponent taf personalment b'dawn il-fatti kollha;

Talbet li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi z-zwieg bejn il-partijiet ghar-ragunijiet suesposti, jew ghal xi wahda jew aktar minn dawk ir-ragunijiet, skont l-Artikoli 19 (1) (a), (d), (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Semghet lix-xhieda illi tressqu ;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, l-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment ;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet datat is-16 ta' Lulju 1993[1] jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(a), 19(1)(d) u 19 (f) tal-Kap. 255.

Illi l-intimat, minkejja li gie debitament notifikat bil-kawza, baqa' ma intavola ebda risposta guramentata u konsegwentement huwa kontumaci f'dawn il-proceduri ghalkemm irid jinghad li l-istess intimat jaghti l-verzjoni tieghu tal-fatti in subizzjoni.

**<u>Il-verzjoni tal-attrici</u>**

Permezz tal-affidavit taghha[2] , l-attrici tghid li saret taf lill-intimat permezz tal-habiba taghha Graziella D, li tigi ohtu. L-intimat kien itiha attenzjoni zejda ghaliex skont hi, kien mixtieq hafna minn tfajliet ohra. Bdiet tohrog mieghu b'pika, anke minhabba d-differenza fl-eta' ta' bejniethom *stante* li hi kellha biss erbatax (14) –il sena filwaqt li l-intimat kellu diga' tlieta u ghoxrin (23). Tghid li maz-zmien, l-intimat ma kienx ihalliha tohrog ma' ohtu Graziella jew li tmur xi *party* tax-xoghol, b'dan li kien possessiv hafna fuqha. Imbaghad, l-attrici harget tqila. Damet hafna zzomm dan is-sigriet, anke mill-intimat stess. X'hin il-genituri taghha skoprew dan kollu riedu lill-partijiet jizzewgu. L-intimat ghall-ewwel cahad li l-attrici kienet

---

[1] Ara c-certifikat taz-zwieg esebit a fol 5 tal-process

[2] Esebit a fol 39 tal-process

tqila jew li t-tarbija kienet tieghu, izda mbaghad ammetta. Ghalkemm l-attrici qalet lill-missierha li ma rieditix tizzewweg ghax hasset li kienet ghadha zghira wisq, missierha ma riedx jisma’ ghaliex sahaq li hadd ma kien ser ihammarlu wiccu. Qalilha wkoll li jekk ma kienitx lesta tizzewweg kienet ser tispicca f’istitut. Zied jghid lill-ommha li jekk izzomm maghha, jitfa’ lil kullhadd ‘il barra mid-dar. Tghid li peress li kienet tibza’ hafna minn missierha u kienet taf li jasal li jitfaghha f’istitut, accettat li tizzewweg. Kull haga relatata mat-tieg saret da parti tal-genituri taghha, inkluz l-libsa tat-tieg u dan ghaliex ma kellhiex interess. Tghid li kienet ippruvat thassar minn mal-intimat darbtejn qabel iz-zwieg, tant ma rieditx tintrabat. Kien hemm episodju fejn anke l-intimat ma riedx jizzewweg (proprju ghax ra li l-attrici ma riditx) izda missierha kkonvincieh.

Tiddiskrivi l-gurnata tat-tieg taghha bhala gurnata fejn kienet imdejqa ghaliex kienet taf x’kien gej ghaliha. Kien ghad kellha biss sittax –il sena. Il-partijiet kienu jiggieldu hafna u ma kienu jaqblu fuq xejn,  tant li kienet tiehu rifugju ghand ommha. Tghid ukoll li qatt ma habbitu u kienet f’din ir-relazzjoni kontra qalbha. Ma’ dawn il-problemi zdiedet dik tal-vjolenza da parti tal-intimat, apparti t-tghajjir. Kien hemm ukoll l-adulterju b’dan li kienet l-attrici stess li qabditu fil-fatt u qalet lill-mara l-ohra li l-intimat huwa ragel mizzewweg bit-tfal. Hasbet li din ir-relazzjoni extra-matrimonjali kienet ser tispicca, izda dan ma kienx il-kaz. Meta regghet ikkonfrontatu darba ohra meta segwietu, spicca biex kien vjolenti maghha u mal-mara ta’ huha, bir-rizultat li kellhom iferrquhom in-nies. Din kienet l-ahhar gurnata li l-partijiet ghamlu jghixu taht l-istess saqaf.

**Il-Verzjoni tal-intimat**

Permezz tax-xiehda tieghu in subizzjoni, l-intimat jghid li kienu jinhabbu ghall-ewwel u li riedu jizzewgu biex jibnu familja, izda jammetti wkoll li l-attrici kienet harget tqila qabel iz-zwieg. Fuq mistoqsija tal-Qorti dwar x’kien jigri li kieku l-attrici ma hargitx tqila, l-intimat jirrispondi ‘ma nafx’. Jikkontradixxi l-verzjoni tal-attrici u tal-genituri taghha dwar il-fatt li kienu

hassru qabel iz-zwieg u jghid li ma baqghux flimkien ghaliex kien hemm adulterju da parti taz-zewg partijiet.

**Xiehda Ohra**

Il-Qorti taghmel referenza ghax-xiehda ta' Mary B[3] fejn prattikament tikkonferma dak kollu li tghid l-attrici. Tikkonferma wkoll li r-raguni ghaliex sar dan iz-zwieg kienet biss it-tqala u xejn aktar. Tghid ukoll li bintha kienet bezghet hafna minn missierha u mit-theddida tieghu li ser jibghatha f'istitut u li spiccat f'sitwazzjoni fejn hasset li ma kellha ebda triq ohra hlief li tizzewweg kontra qalbha. Iz-zwieg sar ta' malajr b'dan li kienu l-istess xhud u zewgha li ppreparaw kollox. Dan kollu huwa kkorraborat ukoll permezz tax-xiehda ta' Charles B[4], li jigi missier l-attrici.

**Il-Mertu tal-Kaz odjern**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar il-16 ta' Lulju 1993 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 5 tal-process. Mill-assjem tal-provi, jirrizulta b'mod inekwivoku li l-attrici kienet tqila fil-mument tal-kunsens taz-zwieg u li t-tqala taghha kienet ir-raguni principali ghaliex sar dan iz-zwieg.

Il-Qorti thoss li tenut kont tal-eta' tenera tal-attrici (sittax (16) –il sena), verament kien hemm biza' minn missierha. Il-mistoqsija hija jekk tali biza' kienitx tammonta ghal dik il-biza' hekk kif hija necessarja sabiex iz-zwieg taghhom jigi dikjarat null abbazi tal-artikolu 19(1)(a) tal-Kap 255. Dan qieghed jinghad ghaliex fil-kawza fl-ismijiet **Calleja Marianna Vs Calleja Francis**[5]**,** il-Qorti tat spjegazzjoni ta' x'tip ta' biza' trid

[3] Ara l-affidavit taghha esebit a fol 44 tal-process

[4] Ara l-affidavit tieghu esebit a fol 46 tal-process

[5] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2002 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili

necessarjament tigi ppruvata sabiex it-talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita abbazi ta' dan l-Artikolu tigi milqugha. Fi kliem l-Onorabbli Qorti, "***Biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista` tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irrezistibbli, cjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens***" u zzid tghid li "***Sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li tinvalida z-zwieg trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti…Fl-ewwel lok il-biza' trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jesercitaha jrid ikun kapaci, presumevolment li jesegwixxi dak li jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok il-biza' trid tkun motiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid***"***.***

Il-Qorti tirrileva li missier l-attrici kien ragel strett, b'dan li l-attrici tant kienet tibza' minnu li damet izzomm it-tqala taghha sigriet ghal zmien twil. Kif inhu kkonfermat minn missierha stess, kien hu li gieghlha tizzewweg. Kien jaf li ma riditx pero' ghaliex heddidha li ser jitfaghha f'istitut (u tenut kont tal-fatt li l-attrici kellha biss sittax (16) –il sena, tali theddida kienet wahda li tista' facilment taqa' taht il-parametri tal-kawza msemmija aktar 'il fuq), izda baqa' jinsisti u jaghmel minn kollox biex dan iz-zwieg isehh. Missierha kien instrumentali biex sehh dan iz-zwieg, tant li sahansitra kellu jikkonvinci wkoll lill-intimat. Ghalhekk il-Qorti tara li hemm ragunijiet bizzejjed sabiex tilqa' t-talba ghal dikjarazzjoni ta' annullament abbazi ta' dan l-Artikolu *stante* li hemm l-estremi citati, liema estremi jipprezentaw ruhhom bhala tali tenut kont tal-fatt li l-istess attrici kellha biss sittax (16) –il sena u ma kellhiex alternattivi ohra. Mic-certifikat taz-zwieg stess jirrizulta li ma kellha ebda impjieg u dan jikkonferma li fil-verita' l-istess attrici sabet ruhha *helpless* – tqila, f'relazzjoni li ma tahdimx u mgieghlha tizzewweg ta' dik l-eta' tenera.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-intimata, minhabba anomalija psikologika serja, kienet inkapaci illi taqdi l-

obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti thoss li mill-provi esebiti, jirrizulta bl-aktar mod car li l-partijiet dahlu ghaz-zwieg ghar-raguni zbaljata u cioe' ghaliex l-attrici kienet tqila u li missierha ried akkost ta' kollox li l-partijiet jizzewgu u xejn aktar.

Il-Qorti ma tistax ma tirrilevax li l-kwistjoni u d-decizjoni ghaz-zwieg, tirrizulta li kienet marbuta biss mal-fatt li l-attrici kienet tqila u li missierha ried li l-partijiet jizzewgu u xejn aktar. Minkejja l-eta' tenera taghha, l-attrici tirrakonta (u dan hu kkonfermat ukoll mill-genituri taghha) li ma riditx tizzewweg u riedet thassar ir-relazzjoni li kellha mal-intimat izda missierha ma hallihiex. Dan juri l-veru intenzjonijiet taghha izda, peress li kienet wisq zghira biex tirrealizza li fil-verita' kellha ghazla, f'dak il-hin proprju, hassitha li ma kellha ebda alternattiva ohra hlief li tkompli ghaddejja biz-zwieg, peress illi missierha hekk gieghlha taghmel. L-attrici hassitha *trapped* bit-theddid ta' missierha li ser jitfaghha f'istitut.

F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[6] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***".

[6] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **D Cachia Melanie Vs D Joseph**[7] "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

In vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-Qorti thoss li fil-mument propizju, l-attrici ma kellhiex id-*discretio judicii* sabiex verament taghti l-kunsens taghha, u dan anke in vista tal-fatt li dan iz-zwieg sehh biss minhabba l-fatt li kienet tqila u xejn aktar.

Illi dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti tirrileva li ma ngabet ebda prova ta' xi forma ta' simulazzjoni jew eskluzjoni taz-zwieg, anke jekk b'mod parzjali. F'dan l-istadju il-Qorti tirrileva wkoll li l-ebda wiehed jew wahda mill-partijiet ma gab xi forma ta' prova li kien hemm xi eskluzjoni ta' xi wahda mill-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg jew li xi wiehed jew wahda minnhom kienet inkapaci li tassumi l-istess obbligazzjonijiet essenzjali. Huwa veru li l-attrici min-naha taghha dahlet ghal dan iz-zwieg fuq insistenza ta' missierha pero' dan ma jfissirx li eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg.

---

[7] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta’ nullita’ taz-zwieg f’dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ippruvat illi xi wiehed mill-partijiet ghamel  simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. F’dan il-kuntest terga’ ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[8] fejn gie ritenut li “***Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra***”.

Il-Qorti tirrileva, li l-partijiet ma rnexxilhomx igibu prova li permezz taghha setghu jipprovaw li z-zwieg taghhom kien null u bla effett abbazi ta’ dan l-artikolu ghaliex, minkejja li l-attur jallega li l-intimata ma kienitx fidila lejh l-ewwel, (peress li jammetti li anke hu kkommetta adulterju), hemm differenza legali bejn l-adulterju li jista’ jsehh wara z-zwieg u l-intenzjoni relatata mal-eskluzjoni tal-fedelta’ fiz-zwieg li twassal ghan-nullita’ taz-zwieg, ghall-kuntrarju tal-adulterju li huwa bazi ghas-separazzjoni personali.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(a) u 19(1)(d) tal-Kap. 255.

Bl-ispejjez jinqasmu bejn il-partijiet b’mod ugwali.

## < Sentenza Finali >

[8] Deciza nhar it-2 ta’ Ottubru 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili

----------------------------------TMIEM----------------------------------